# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tnejn, 12 ta' Jannar 2021**

**Talba Numru 373/2019SFJ**

***Dylan Aquilina (228794M)***
***vs.***
***Dorian Bugeja (108898M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-21 ta' Novembru 2019 l-attur talab li l-konvenut jgħid għaliex ma kellux jiġi kkundannat iħallas lill-istess attur is-somma ta' **elf u mitejn u għoxrin Ewro (€1,220.00)** rappreżentanti seba' mija u għoxrin Ewro (€720.00) bħala salarju dovut lill-attur għat-tlett ġimgħat matul Awwissu 2019 li huwa ħadem bir-rata ta' sitt Ewro (€6.00) fis-siegħa għal erbgħin siegħa fil-ġimgħa u ħames mitt Ewro (€500) li ttieħdu mill-konvenut bħala depożitu qabel effettivament l-attur beda jaħdem mal-konvenut,oltre imghaxijiet u spejjez ukoll indikati.

Ra n-nota tal-attur ippreżentata fis-17 ta' Frar 2020 (fol. 11 tal-proċess) li biha l-attur irriduċa l-ammont mitlub minnu għal **elf u erbgħin Ewro (€1,040.00)**.

Ra r-Risposta ppreżentata fit-12 ta' Diċembru 2020 li permezz tagħha l-konvenut eċċepixxa:

- Illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur u dan stante illi:
    - Ma kienx minnu li huwa dovut xi salarju mill-konvenut lill-attur u dan stante li ma kienx impjegat tiegħu jew miegħu;
    - Illi bla preġudizzju għas-suespost, il-konvenut m'għandu jħallas xejn lill-attur u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;
    - Illi d-depożitu msemmi ntuża biex il-konvenut iħallas danni li l-attur ikkaġuna fuq il-vettura tiegħu.

- Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.
- Bl-ispejjeż kontra l-attur.

Ra l-verbal tat-13 ta' Lulju 2020 li jindika li f'dik is-seduta l-attur għalaq il-provi tiegħu u ra li l-verbal ġie kkomunikat lill-avukat tal-konvenut sabiex fis-seduta sussegwenti jidher mal-patroċinat tiegħu u sabiex jilħqu jinħarġu l-inġunzjonijiet kollha għax-xhieda neċessarji minnufih.

Ra li fl-udjenza tad-19 ta' Ottubru 2020, l-Avv. Luke Saliba nforma lit-Tribunal li l-Avv. Frank Cassar ma setax jattendi għal raġunijiet personali u ra anki li fl-istess seduta, l-Avv. Luciano Busuttil (għall-konvenut) talab differiment sabiex ikun jista' jressaq il-provi kollha fl-udjenza sussegwenti. L-Avv. Luciano Busuttil informa lit-Tribunal li ma kellux bżonn joħroġ inġunzjonijiet stante li kien ser jixhed il-konvenut fis-seduta sussegwenti. It-Tribunal għamilha ċara (ara fol. 43) li l-kawża kienet qed tiġi differita għall-provi kollha tal-konvenut għad-9 ta' Novembru 2020.

Ra li skont il-verbal tad-9 ta' Novembru 2020, deher l-Avv. Luciano Busuttil li nforma lit-Tribunal li hu kien qal lill-konvenut sabiex jattendi għas-seduta u li l-istess konvenut kien qal li ser jattendi. Ġara iżda li l-konvenut, imsejjaħ tlett darbiet, ma deherx. Il-kawża ġiet differita għall-aħħar darba għall-provi kollha tal-konvenut għat-23 ta' Novembru 2020 bl-intiża ċara li wara dik id-data t-Tribunal kien ser iħalli l-kawża għas-sentenza.

Ra li kif jidher mill-verbal tat-23 ta' Novembru 2020, is-seduta ma setgħetx tinżamm stante li t-Tribunal kien infurmat mill-amministrazzjoni tal-Qrati tal-Ġustizzja li kien hemm nuqqas ta' deputat reġistratur u messaġġier. Għalhekk il-kawża tħalliet għall-15 ta' Diċembru 2020.

Ra li fl-udjenza tal-15 ta' Diċembru 2020 il-konvenut reġa' ma deherx.

Qara d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-12 ta' Jannar 2021.

**<u>Provi ppreżentati</u>**

It-Tribunal qara l-affidavit tal-attur kif ukoll l-affidavit ta' Joseph Aquilina, li huwa n-nannu tal-attur. Dawn l-affidavits jikkonfermaw li kien Joseph Aquilina li għadda l-ammont ta' ħames mitt Ewro (€500.00) lill-attur sabiex dan iħallashom depożitu lill-konvenut. Inoltre, ir-rappreżentant tas-soċjetà Bank of Valletta plc li xehdet fl-udjenza tat-13 ta' Lulju 2020 (ara fol. 39) ikkonfermat li ċekk maħruġ minn Joseph Aquilina kien ġie ddepożitat f'kont bankarju f'isem il-konvenut. Kopja taċ-ċekk u prova tad-depożitu ġew ippreżentati mir-rappreżentant tal-bank u jinsabu a fol. 41 u 42 tal-proċess.

Illi in suċċint, il-fatti tal-każ kif jirriżultaw mill-affidavit tal-attur, liema affidavit ma ġie kontradett b'ebda mod mill-konvenut, huma s-segwenti:

- Illi f'Lulju 2019, l-attur avviċina lill-konvenut għal xogħol ta' xufier billi l-konvenut kien qiegħed ifittex xufiera biex jaħdmu miegħu;
- Illi wara xi ġimgħat, il-konvenut aċċetta li jimpjega lill-attur bir-rata ta' sitt Ewro fis-siegħa bil-prospett li jiżdied għal seba' Ewro fis-siegħa;
- Illi fost il-kundizzjonijiet tal-impjieg kien hemm li l-attur kellu jħallas depożitu ta' ħames mitt Ewro lill-konvenut sabiex jagħmel tajjeb għal xi inċidenti li setgħu jinqalgħu, billi skont l-attur, is-soċjetà assiguratriċi kienet titlob pagament ta' ħames mitt Ewro kemm-il darba ssir *claim* skont il-polza tal-assigurazzjoni;
- Illi l-konvenut wiegħed lill-attur li kien ser jirrediġi ftehim bil-miktub sabiex l-attur ikun jista' jieħu lura d-depożitu kemm-il darba ma jibqax jaħdem mal-konvenut, iżda l-ftehim qatt ma sar;

- Illi stante li fiż-żmien li beda l-impjieg l-attur kien diżokkupat, ma kellux minn fejn iħallas id-depożitu u għalhekk il-ħames mitt Ewro kellhom jiġu mislufa lilu minn Joseph Aquilina, li huwa n-nannu tal-attur;

- Illi l-konvenut ma ħareġ ebda riċevuta lill-attur u lanqas irrediġa l-ftehim bil-miktub;

- Illi maż-żmien, il-konvenut beda spiss jirrabja mal-attur u saħansitra jheddu u jżommlu parti mill-paga sabiex minnha jitħallas id-*diesel* tal-vettura;

- Illi l-konvenut beda spiss jallega li l-attur ma kienx jieħu ħsieb il-vettura kif imiss u li kien isuq b'veloċità eċċessiva, liema allegazzjonijiet ma kellhomx mis-sewwa;

- Illi għalkemm darba minnhom kien hemm tama li l-atteġġjament tal-konvenut jinbidel (ara fol. 13), l-atteġġjament tal-konvenut mar għall-agħar tant li l-attur kellu jfittex is-servizzi ta' avukat sabiex jagħmel kwerela kontra l-konvenut;

- Illi wara dan, l-attur ma kellux triq ħlief li jipproċedi kontra l-konvenut permezz tal-ittra uffiċjali 2918/2019 debitament innotifikata lill-konvenut kif ukoll permezz tal-proċeduri odjerni; u

- Illi l-attur ikkonferma li l-ammont ta' elf u erbgħin Ewro (€1,040.00) kien dovut lilu mill-konvenut.

It-Tribunal ra anki l-i*screenshots* annessi mal-affidavit tal-attur li essenzjalment jikkonfermaw dak kollu li qal l-attur fl-affidavit tiegħu (fol. 15 *et seq.*).

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

It-Tribunal jibda billi jenfasizza li filwaqt li l-attur ippreżenta l-provi kollha li deherlu neċessarji tant li fl-udjenza tat-13 ta' Lulju 2020 huwa ddikjara li ma kellux aktar provi x'jipproduċi, il-konvenut, min-naħa l-oħra, nonostante opportunitajiet mogħtija lilu mit-Tribunal mit-13 ta' Lulju 2020 sal-15 ta' Diċembru 2020, jiġifieri medda ta' erba' xhur, ma wera ebda interess fil-kawża u naqas li jattendi għas-seduti u saħansitra li jippreżenta provi sabiex isostni l-eċċezzjonijiet tiegħu.

Illi m'hemm ebda dubju li assolutament m'hemm ebda nuqqas da parti tal-avukat tal-konvenut. L-abbli avukat informa lill-konvenut sabiex jidher għas-seduta u jixhed iżda għal raġunijiet mhux magħrufa, il-konvenut qatt ma deher. F'sitwazzjoni bħal din, in-nuqqas huwa unikament tal-konvenut li wara li qabbad avukat sabiex jirreżisti l-pretensjonijiet tal-attur, naqas li jikkopera mal-avukat imqabbad minnu stess. Għalhekk ma jistax issa l-konvenut jippretendi eżitu favorevoli għalih meta huwa assolutament naqas li jikkontradixxi l-provi mressqa mill-attur.

Illi huwa ben ċar li l-konvenut ma deherx biex jixhed, ma ppreżenta ebda affidavit u lanqas biss ta struzzjonijiet lill-avukat tiegħu sabiex almenu jsir il-kontro-eżami tal-attur. L-avukat, għalhekk, imqabbad mill-konvenut sabiex jiddefendih f'din il-kawża, spiċċa sprovvist mill-għodda tenut kont tal-fatt li wara kollox, avukat ġeneralment jaġixxi skont l-istruzzjonijiet tal-klijent tiegħu.

Illi l-provi mressqa mill-attur huma univoċi, jiġifieri jimmilitaw f'direzzjoni waħda. It-Tribunal huwa konvint, f'dan il-każ, li l-attur ipprova l-każ tiegħu fi grad ogħla minn dak mitlub fil-kamp ċivili. L-affidavit tal-attur, li jingħad għal darb' oħra li huwa inkontradett, jirrakkonta b'mod ċar kif il-konvenut dendel karrotta lill-attur u għamillu diversi wegħdiet, liema wegħdiet qatt ma seħħu. Filwaqt li l-attur kien mingħalih li kien ser ikun impjegat fis-sens ordinarju tal-kelma, huwa spiċċa li kellu jħallas depożitu ta' ħames mitt Ewro qabel biss jibda jaħdem. Oltre dan, l-attur xehed li l-konvenut kien iżommlu partijiet mill-paga b'mod totalment arbitrarju u dan għal raġunijiet ta' allegat użu eċċessiv ta' *diesel* mill-vettura li kien juża l-attur.

In suċċint, it-Tribunal itenni li kien impossibbli li jibqa' jistenna lill-konvenut *ad eternum* sabiex dan iressaq il-provi tiegħu. Għalhekk, it-Tribunal m'għandux triq oħra ħlief li jikkunsidra li l-eċċezzjonijiet tal-konvenut ma jinsabux sostnuti mill-provi u għalhekk għandhom jiġu respinti.

**Deċide**

Għaldaqstant, wara li qara l-atti tal-kawża, sema' x-xhieda u ra d-dokumentazzjoni kollha, it-Tribunal jiddeċiedi billi:

i. Jilqa' t-talbiet tal-attur u jordna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' elf u erbgħin Ewro (€1,040.00) kif ridotta permezz tan-nota ta' riduzzjoni;

ii. Jilqa' t-talbiet tal-attur in kwantu dawn jittrattaw l-ittra bonarja tat-3 ta' Settembru 2019 u l-ittra uffiċjali 2918/2019;

iii. Jordna li l-imgħax għandu jiddekorri b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi mid-data tal-preżentata ta' din il-kawża sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jitħallsu mill-konvenut.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**